



PARLAMENT EWROPEW

2014 - 2019

Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

2014/2817(INI)

8.10.2014

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra (2014/2817(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Ionel-Sorin Moisă

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

- A. billi l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Moldova, innegożjat fil-qafas tal-Ftehim tal-Lvant għall-perjodu bejn l-2010 u l-2013, jinkludi b'mod partikolari pilastru kummerċjali li, fid-dawl tad-dispożizzjonijiet ta' approssimazzjoni regolatorji li jinsabu fih, jista' jikkostitwixxi wieħed mill-aktar ftehimiet ta' kummerċ ħieles ambizzjużi li l-UE qatt ikkonkludiet ma' pajjiż terz;
 - B. billi mingħajr appoġġ amministrattiv b'saħħtu minn esperti tal-UE, huwa diffiċli ħafna għal kwalunkwe gvern tal-Moldova biex jimplementa l-approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni għall-acquis tal-UE, li ntlaħaq ftehim dwarha;
 - C. billi l-ħolqien ta' Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva bejn l-UE u l-Moldova jirrappreżenta wieħed mill-aktar benefiċċji sinifikanti reċiproċi tal-ftehim, li bla dubju ta' xejn huwa ta' importanza għat-tkabbir kummerċjali u ekonomiku, il-prosperità u l-istabilità fil-Moldova;
 - D. billi permezz tal-istabiliment ta' Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva mal-UE, il-Moldova se ssaħħaħ l-aċċess tagħha għas-suq tal-UE, u b'hekk jinħolqu opportunitajiet ġodda għall-iżvilupp u t-tkabbir, b'benefiċċju dirett għan-negożji u ċ-ċittadini tal-Moldova; billi l-UE se tibbenefika minn flussi kummerċjali b'inqas intoppi u kundizzjonijiet ta' investiment aħjar fil-Moldova;
 - E. billi ż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva tinkludi bosta dispożizzjonijiet li għandhom l-għan li jirrifurmaw l-leġiżlazzjoni kummerċjali u l-politiki relatati mal-kummerċ tal-Moldova abbażi tal-acquis tal-UE u f'konformità miegħu, u billi dan se jikkontribwixxi għall-modernizzazzjoni tal-ekonomija tal-pajjiż u għal ambjent tan-negożju mtejjeb u aktar prevedibbli, inkluż ukoll għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju;
 - F. billi bl-għoti ta' preferenzi kummerċjali awtonomi u, preċedentement, preferenzi GSP+, l-UE diġà offriet benefiċċji sostanzjali lill-ekonomija tal-Moldova, u għandha tkompli tappoġġa lill-pajjiż fil-futur;
1. Ifaħħar lill-Moldova għad-determinazzjoni u l-impenn li wera dan il-pajjiż sabiex ifittex li jkollu rabtiet ekonomiċi aktar mill-qrib mal-UE billi jwettaq riformi ekonomiċi profondi, kumplessi u li jiswew il-flus; jemmen bis-sħiħ li ż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva se jkollha impatt pożittiv fuq perjodu ta' żmien twil fuq l-ekonomija tal-Moldova, u għaldaqstant se tikkontribwixxi sabiex iżżid il-kwalità tal-ħajja għaċ-ċittadini tal-pajjiż;
 2. Jinnota b'sodisfazzjon ir-ratifika tal-ftehim mill-Parlament tal-Moldova fit-23 ta' Lulju 2014, li wasslet għall-applikazzjoni provviżorja taż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva mill-1 ta' Settembru 2014; jiddispjaċih dwar id-danni sinifikanti li sofriet l-ekonomija tal-Moldova f'dawn l-aħħar xhur wara l-projbizzjoni fl-

importazzjonijiet għal raġunijiet politiċi min-naħa tar-Russja, u jilqa' l-applikazzjoni provviżorja taż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva, li għandha tal-anqas ttaffi d-danni mġarrba;

3. Jenfasizza l-fatt li s-suċċess taż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva jiddependi fuq l-implimentazzjoni rapida, bir-reqqa u effikaċi min-naħa taż-żewġ partijiet tal-impenji stabbiliti fil-ftehim; jappella, f'dan ir-rigward, lill-UE ttiprovdi lill-Moldova bl-għajnuna finanzjarja u teknika kollha meħtieġa, ukoll bl-għan li ttaffi l-ispejjeż fuq żmien qasir għall-Moldova;
4. Jemmen li l-iskrutinju parlamentari huwa kundizzjoni fundamentali għall-appoġġ demokratiku lill-politiki tal-UE; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni tiffaċilita fi żmien xieraq il-monitoraġġ regolari u dettaljat tal-implimentazzjoni taż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva mill-Parlament Ewropew.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	7.10.2014
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 32 -: 5 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	William (The Earl of) Dartmouth, Maria Arena, Tiziana Beghin, David Campbell Bannerman, Daniel Caspary, Salvatore Cicu, Marielle de Sarnez, Santiago Fisas Aixelà, Eleonora Forenza, Yannick Jadot, Jude Kirton-Darling, Gabriellus Landsbergis, Bernd Lange, Jörg Leichtfried, Marine Le Pen, David Martin, Emmanuel Maurel, Emma McClarkin, Anne-Marie Mineur, Sorin Moisă, Alessia Maria Mosca, Artis Pabriks, Bolesław G. Piecha, Franck Proust, Godelieve Quisthoudt-Rowohl, Viviane Reding, Inmaculada Rodríguez-Piñero Fernández, Tokia Saïfi, Marietje Schaake, Helmut Scholz, Joachim Schuster, Adam Szejnfeld, Iuliu Winkler, Jan Zahradil
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Victor Boştinaru, Klaus Buchner, Seán Kelly, Gabriel Mato, Fernando Ruas, Pedro Silva Pereira
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Fredrick Federley, Jozo Radoš